

Brussell, 27 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12145/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0224(NLE)

UK 158
UD 219

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 403 annex
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward ta' dikjarazzjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 403 final.

Mehmuż: COM(2026) 403 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.7.2026
COM(2026) 403 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat
Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-
Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
fir-rigward ta' dikjarazzjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta'
Windsor**

ABBOZZ

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
TAL-UNJONI U TAR-RENU UNIT
FIL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM
DWAR IL-IRUG TAR-RENU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA
U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA
U MILL-KOMUNITA EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA
tal- ... 2026

dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Qafas ta' Windsor¹

L-Artikolu 5(1) tal-Qafas ta' Windsor jipprevedi, l-ewwel nett, li l-ebda dazju doganali ma għandu jkun pagabbli għal oġġett miġjub bi trasport dirett fl-Irlanda ta' Fuq minn parti oħra tar-Renju Unit u li ma jkunx f'riskju li sussegwentement jiġi mċaqlaq lejn l-Unjoni, kemm jekk waħdu kif ukoll jekk bħala parti minn oġġett ieħor wara l-ipproċessar, u t-tieni, li d-dazji doganali fir-rigward ta' oġġett miġjub bi trasport dirett fl-Irlanda ta' Fuq għajr mill-Unjoni jew minn parti oħra tar-Renju Unit u li ma jkunx f'riskju li sussegwentement jiġi mċaqlaq lejn l-Unjoni, kemm jekk waħdu kif ukoll jekk bħala parti minn oġġett ieħor wara l-ipproċessar, għandhom ikunu d-dazji applikabbli fir-Renju Unit.

Għaldaqstant, dik id-dispożizzjoni għandha l-oġġettiv li tiżgura li l-ebda oġġett li jinġieb permezz ta' trasport dirett fl-Irlanda ta' Fuq u li ma jkunx f'riskju li sussegwentement jiġi ttrasferit lejn l-Unjoni, kemm jekk waħdu kif ukoll jekk bħala parti minn oġġett ieħor wara l-ipproċessar, għandu jkun soġġett għal kwalunkwe imposta finanzjarja stabbilita mil-liġi doganali tal-Unjoni li tkun direttament relatata mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' tali oġġett fl-Irlanda ta' Fuq.

F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-obbligi tad-WTO tal-Partijiet, l-Artikolu 5(1) tal-Qafas ta' Windsor għandu jinftehem bħala li japplika wkoll għal tariffa amministrattiva stabbilita mid-dritt tal-Unjoni biex tkopri l-kostijiet tas-servizzi pprovduti għat-trattament ta' talba għar-rilaxx ta' merkanzija mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod għaċ-ċirkolazzjoni libera, b'mod partikolari billi tiġi vverifikata d-data pprovduta, titwettaq analiżi tar-riskju, u jitwettqu kontrolli dokumentarji u fiżiċi meta jkun meħtieġ.

L-Artikolu 5(6) tal-Qafas ta' Windsor jipprevedi li meta dazji doganali jiġu imposti mir-Renju Unit f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali rilevanti tal-Unjoni, dawn id-dazji ma jintbagħtux lill-Unjoni. Għaldaqstant, dik id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiżgura li r-rikavat mill-imposti finanzjarji stabbiliti mid-dritt doganali tal-Unjoni li huma direttament relatati mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq jibqa' għand ir-Renju Unit. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 5(6) tal-Qafas ta' Windsor għandu jinftehem bħala li japplika wkoll fl-intier tiegħu għar-rikavati minn tariffa tal-immaniġġar tan-natura msemmija fil-paragrafu preċedenti.

¹ Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023.